Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**Id-Disa' LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 2**
**It-Tnejn 08 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30 p.m.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi : Sindku
Margaret Baldacchino Cefai : Kunsillier
Christine Amaira : Vici Sindku
Maurice Agius : Kunsillier
Jean-Claude Borg : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Andrew Mallia : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Christopher Borg : Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv (Agent)

**Minuti**

Is-Sindku Charles Selvaggi ippresieda l-laqgħa.

**2.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija;**

2.1.01 Il-kunsilliera kienu kollha preżenti

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

2.2.01 Il-minuti tas-Seduta L9-01, ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

2.3.01 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar talba għal assistenza mill Arċipriet sabiex bħas-sena preċedenti jinġab generator għal ġimgħa tal Festa minħabba xi każ ta'qtugħ ta'dawl. L-spiża totali hija ta' 1200 eskluż il-VAT u ġie propost li almenu għal din is-sena l-kunsill għandu jikkunsidra li jiffinanzja sa' 50% jew 600 eskluż il-VAT

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament

2.3.02 Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar il-mobile toilets li kull sena fil-ġimgħa tal-festa jinġabu go Misraħ San Guzepp u 5 ta'Ottubru

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġa tkellem mal-kuntrattur tal-knis li se jipprovdihom mingħajr ħlas.

2.3.03 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar talba mill għaqda Melita Banda San Guzepp sabiex ssir it-tombla fil-pjazza go Misraħ San Guzepp quddiem il-knisja bħas sena preċedenti

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament

2.3.04 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar talba mill għaqda Melita Banda San Guzepp sabiex waqt il-marċ tal-Hadd 21 ta'Lulju filgħodu jkun permess li jiġu armati x'bars mobbli f'rotta min fejn ikun għaddej

Is-Sur Nicholas Chircop ta'dettalji dwar dawn

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament

2.3.05 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar Mistoqsija Parlamentari PQ 20631 ħa ikun magħruf fiex waslet il-proċedura sabiex ix-xelter li jinsab fl-akkwati ta' Boxbox fl-Imsida jgħaddi f'idejn il-Kunsill Lokali tal-Imsida b'devoluzzjoni? Fejn f'tweġiba Il-Kunsill Lokali għarraf li f' rigward tas-suġġett kien iddiskuta biss għajnuna sabiex id-daħla ta'xelter li tinsab fil-viċinanzi ta' Triq il-Wied wara l-Ġibjun tiġi siġillata b'grada kif ukoll assista kif setgħa lill ħaddiema mid-dipartiment ta'tindif billi xtara żewġt lanterni ħalli dan jkun jista' jiġi mnaddaf mill oġġetti mormija fih matul iż-żminijiet. Ġie spjegat ukoll li Is-Suġġett ta'devoluzzjoni tiegħu qatt ma kien f'aġenda għad-diskussjoni għalhekk ma'kienx hemm applikazzjoni. Biss fit- 28 ta'Mejju il-kunsill lokali L-Imsida b'għat email sabiex jitlob informazzjoni mill Awtorità tal-Artijiet dwar (a) Jekk dan ix-xelter hux fi ħdan art privata jew pubblika? (b) Jekk l-art hija proprjetà pubblika lil min jew lil liema entità huwa devolut? (c) Jekk l-art u ż-żona tal-madwar huma indikati għal xi tip ta'żvilupp? (d) Jekk iva x'inhuma l-pjanijiet għall-konservazzjoni ta ' dan ix-xelter ?. liema mistoqsijiet sal-ġurnata għad ma'kienx hemm tweġiba għalihom iżda ma'dan l-Kunsill ma'jeskludix li l-quddiem jista' jkun kunsidrat sabiex sir talba għad-devoluzzjoni tiegħu sakemm ikun hemm allokati fondi apposta bil-għan li jkun miżmum b'mod addattat u sostenibbli .

2.3.06 Is-Sindku Charles Selvaggi Tkellem dwar inċidenti li kien hemm go Rue D'Argen fejn hemm parti li tidher li l-bażi qed iċċedi. Hawn spjega li din it-Triq hija indikata bħala taħt ir-responsabiltà tal-kunsill filwaqt li din hija triq li tara volum qawwi ta'traffiku li prattikament qed sservi bħala Triq Arterjali.

Is-Sur Jean Claude Borg spjega li din hija Triq li tgħaddi min ġol Gzira u tasal sa tas-Sliema għalhekk il-kunsilli lokali konċernati messhom jingħaqdu sabiex jitkellmu dwar il-problemi u ħsarat li hemm. Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li hemm parti żgħira li tmiss ukoll ma San <Jiljan> mibdula<Jil jan>

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jikkomunika mal-IM dwar il-parti msemmija fejn l-Għassa tal pulizija.

2.3.07 Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar barrier maqlugħa ħdejn il-mużew tas-Subien

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li din ġa qed jaħdmu fuqha fejn spjega li kien hemm kienet qed tinqala minħabba li din kienet min tip li tintrabat b'row bolts iżda il-bażi taħt il bankina hija d'ramel u ma hemmx saħħa, għalhekk wara li ra li fil garaxx hemm biżżejjed materjal min barriers oħra żarmati minħabba ħsara ta struzzjonijiet sabiex tinħadem waħda sempliċi li tista' tiġi ngastrata ġol art.

2.3.08 Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar infurzar f'rigward l-abbużi relatata ma'skart u għarraf lill kunsilliera preżenti li talab għal laqgħat ma' LESA u L-Pulizija fil-komunità li se jsiru L-Erbgħa 9 ta'Lulju f' 9:30am u it-Tnejn 15 ta'Lulju fil-04:00pm.Ghalhekk dawk li jixtiequ jistgħu jattendu.

**2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

2.4.01 Is-Sinjura Christine Amaira tkellmet dwar il-medja soċjali tal-kunsill u staqsiet dwar l-immaniġġjar ta'post relatata mal-attività tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-immaniġġjar tal medja soċjali ssir mill amministrazzjoni biex jgħaddi informazzjoni jew avviżi bħal eżempju qtugħ ta'servizzi essenzjali meta jaslu fil ħin jew attivitajiet kulturali , edukattivi jew sport u oħrajn. Hawn spjega li meta jkun hemm x'attività relatata mal-kunsill Lokali jew tkun materja ta'interess għar-resident , min ikun qed jieħu ħsieb jista' jgħaddi il-materjal viżiv u draft tal-messaġġ lill min hu nkarigat biex ikun jista' jiġi kkupjat.

**2.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

2.5.01 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar Unloading bay go Rue'Dargen li ġiet trasferita għal lokazzjoni oħra go l-stess triq (L8-67.5.01) u saret skond rakkomandazzjoni minn Transport Malta biex tkun timed għall-vetturi biex jipparkjaw għal 30 minuta mit-Tnejn sas-sibt mid-8am sal-15.00pm b'sigħat li jifdal ikun parkeġġ mingħajr restrizzjonijiet. Hawn spjega li Issa qed jiġri huwa li peress li ma hemmx il-kliem Un/Loading għax skond il-kjarifika ta TM din ma tistax ssir il-vetturi li qed jieqfu hemm għal qadi u mhux qed isservi l-skop għal ħtieġa ta'ħatt ta'merkanzija għal ħwienet.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jitlob lill Awtorità biex taqleb din l-applikazzjoni għal Unloading Bay

2.5.02 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-fondi li kien ikun hemm għal attivitajiet f'snin preċedenti fejn qabel kien ssir ukoll festin għal anzjani waqt il-ġimgħa li fiha jiġi ċelebrat jum l-Imsida. Hawn spjega li ġabar xi stimi b' l-orħos tkun €380 inkluża l-VAT u dan almenu jista' ssir aktar l-quddiem f'żmien ħmistax.

Is-Segretarju Eżekuttiv u ħa nota u wieġeb li kif kien kjarifika qabel (L8-63.5.03) fi snin preċedenti l-parti il-kbira tal- ispejjeż għal-attivitajiet kemm kulturali jew sportivi li saru kienu ffinanzjat bil-fondi ta' kollaborazzjoni imnedija mir-Regjun Lvant jew kif kien magħruf qabel Ċentru. Hawn spjega li għal din is-sena (2024) ma kienx hemm fondi minħabba li qed jintużaw biex ikun ffinanzjat ir-Regjun kulturali għalhekk ma hemmx allokazzjoni fil-budget.

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai fakkret li ma dawk kulturali kien hemm fondi oħra għal Proġetti b kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali f'ħdan ir-Regjun Lvant bħal dawk għal titjieb fil-Lokalità, Xiri jew kiri ta'tiżjin tal-milied jew għajnuna għal għaqdiet ma ġewx imnedija din is-sena minħabba finanzjar ta'attivitajiet għar-Regjun kulturali 2024

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar tfassil ta'pjan għal dawn l-attivitajiet sabiex il-kumitat finanzi jiddiskuti sew min qabel l-budget. B'hekk l-għaqdiet ikunu mgħarfa sew min qabel sa fejn il-kunsill lokali jista' jagħti is-sehem tiegħu b'kollaborazzjoni magħhom.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew l-stima €380 inkluża l-VAT għall-attività tal-anzjani li ġiet approvata unanimament.

2.5.03 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-kartolina għal anzjani li kienet tintbagħat bili posta fejn talab għal-lista tal-kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb il-kunsill Lokali ma' jżommx lista b'informazzjoni personali ta' residenti. L-unika sors li jżomm huwa r-reġistru elettorali tal-kunsilli biss li jiġi ppublikat kull sitt xhur. Hawn spjega li dawn il-kartolini jinxtraw u jinżammu stivati mill kunsill filwaqt li l-kunsillier responsabli mill anzjani jieħu ħsieb jara x'għandu bżonn imbagħad jgħaddihom lesti lill amministrazzjoni sabiex tieħu ħsieb il-posta tagħhom.

2.5.04 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar Jum l-Imsida fejn għarraf lill kunsilliera preżenti dwar il-programm Programm jum L-Imsida li se jsir wara l-Quddiesa tal-għaqdiet Msidjani fit- 8:00 pm bil- band Fuse li se tagħti ħames siltiet fejn bejniethom se jkun hemm il-messaġġ ta'Sindku , preżentazzjoni ta' tokens Lill kunsilliera li servew matul l-leġislatura 8 bejn Lulju 2019 u Ġunju 2024, Preżentazzjoni ta'Mertu L-Imsida lis-Sur Emanuel Brincat u Is-Sinjura Romina Galea , Innu tal-Imsida u fl-aħħar L-Innu Malti segwit min riċeviment fuq il-bejt.

Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar il-ħsieb li f'snin li ġejjin Jum l-Imsida jiġi ċelebrat barra mill bini Amministrattiv tal-Kunsill. Għarraf ukoll lill kunsilliera preżenti li l-Scouts se jkunu qed jipparteċipaw b'daqq tal-bag pipes hekk kif tispiċċa il-quddies.

Is-Sur Jean Claude Borg spjega li l-perjodu tal-festa huwa żmien impenjattiva għal bosta għalhekk ssuġġerixxa li jkun kunsidrat li l-Jum ikun f'perjodu differenti li ma jkunx daqshekk viċin il-festa

2.5.05 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-bankina go Triq il Ħarrub u ppropona sabiex ikun permess ssir parkeġġ fuq il-Bankina bejn is-7:00pm u 7:00am

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li din il-proposta ġa kienet applikata ma' Transport Malta xi snin ilu iżda ma' ġietx approvata minħabba li Triq mhux wiesa biżżejjed.

Saret diskussjoni qasira fejn kien propost li jkun hemm tentattiv ieħor ma Transport Malta

2.5.06 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar is-Silver T u staqsa għal mhux qed jingħata servizz għal l-sptar San Luqa
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-arranġament ikopri biss l-Sptar Mater Dei.
Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li Fl-aħħar ta' Settembru l-kunsill ma jibqax marbut bil-ftehim ma Transport Malta kif propost biex ħa l-fondi għal L-Imsida e shuttle għalhekk dan jista' jkun indirizzat meta jiġi diskuss tibdil ta'kif jista' jaħdem dan is-servizz

2.5.07 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-kamra inkluża fl-iżvilupp tal-pjazzetta go Triq l-Għeriebel (PA/00886/20) sabiex ssir komunikazzjoni jew laqgħa mal-iżviluppatur biex jikkonkludi il-proċess ħalli din tingħad f'idejn il-Kunsill (L8-64.5.05).
Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar bżonn li fil pjazzetta jsir id-dawl u l-bins u staqsa jekk dawn jistax jieħu ħsieb l-iżviluppatur. Is-Sinjura Margaret baldacchino Cefai wieġbet li l-aħħar li tkellmet miegħu kien indika li jrid jieħu ħsieb il-kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u għarraf lill kunsilliera preżenti li f'dak il-każ trid ssir applikazzjoni għal dawl ġdid filwaqt se jara jekk fadalx bins ħalli jekk hemm bżonn jigu ordnati.

2.5.08 Is-Sur Nicholas Chircop tkellem dwar meta tinfetaħ xi borża waqt il-ġbir tal-iskart biex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur biex jiġbor dak li jaqa mal-art.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota

2.5.09 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar xi planters go parapett f'triq id-dejqa biex jiġu żarmati minħabba li qed ikunu mimlija skart
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota

2.5.10 Is-Sindku Charles Selvaggi poġġa fuq il-mejda il-lista ta'responsabiltajiet li se jgħaddi lill kull kunsillier kif muri hawn taħt u spjega li jista' jkun hemm ukoll każi fejn ċertu xogħol meħtieġ tal-kunsill jitlob l-attenzjoni konġunta bejn responsabiltajiet differenti

2.5.10a Charles Selvaggi : Indafa u Infurzar
Margaret Baldacchino Cefai : Integrazzjoni/ Komunitajiet
Christine Amaira : Edukazzjoni, Relazzjoni Public
Maurice Agius : Anzjani u Diżabilità, Saħħa u Berġa, Qasam soċjali ,attivitajiet Soċjali
Jean-Claude Borg : Kultura
Alfred Farrugia : Ambjent, Monumenti u Dawl ta toroq, Manutenzjoni tal- Ġonna u postijiet Pubbliċi, Infrastruttura, Proġetti, Siti ta Kostruzzjoni u Traffiku
Andrew Mallia : Ħarsien ta l'annimali u Innovazzjoni

Nicholas Joseph Chircop : Sports/Attivitajiet Fiżiċi / żgħażagħ / Tfal

Christopher Borg : Fondi Unjoni Ewropea, Relazzjonijiet Internazzjonali

2.5.10b Kunsilliera membri fil bord

Tal-finanzi: Charles Selvaggi, Margaret Baldacchino Cefai u Christopher Borg

Tal-evalwazzjoni ta' sejħiet Pubbliċi: Charles Selvaggi, Nicholas Joseph Chircop u Christine Amaira

2.5.10c Kunsilliera membri fil- kumitati

Ta' Swatar (Msida) : Charles Selvaggi u Alfred Farrugia <Chaiman>

Mizjuda<Chairman>

Għal l-Iskall (Daħla tal-Imsida) : Charles Selvaggi , Maurice Agius u Andrew Mallia.

2.5.10d Rappreżentanza Regjun Lvant: Charles Selvaggi u Christine Amaira

2.5.10e Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar il-fondi ta' €10 miljun biex ssir kollaborazzjoni permezz ta' Xogħlijiet Pubbliċi mill-gvern għal-kunsilli lokali għal din is-sena (L8-65.3.03).Hawn spjega li hemm bosta bankini li jeħtiegu rikostruzzjoni għalhekk hemm bżonn li jinħatar kumitat sabiex jiġu identifikati u jara x'hemm bżonn biex ssir l-applikazzjoni għalihom.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u inħatru Is-Sinjuri Alfred Farrugia , Margaret Baldacchino Cefai u Christine Amaira.

2.5.11 Is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li għandhom jippreparaw rapport b'proposti li jistgħux jkunu kunsidrati mill kunsill sabiex sal-aħħar ta Settembru jiġu preżentati bħal programm ta'ħidma għal tul ta'din il-leġislatura lir-residenti waqt il-laqgħa pubblika.

2.5.12 Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar il-Gostra u sabiex bħal snin preċedenti kif ġa komunikat qabel mal-kunsilliera il-kunsill jikkollabora permezz ta' Trofew, xaħam , sapun u il-krejn biex jiġi armat/żarmat l-arblu. Għarraf ukoll lill kunsilliera preżenti li l-għoti ta'Trofew se jsir il-Ħadd 21 ta'Lulju għal xi tmienja jew x'ħin tintrebaħ għalhekk huma mħeġġa biex jattendu. Saret ukoll talba mil-organizzatur sabiex waqt l-attività jkun hemm bar.

Il-kunsilliera ddiskutew it-talba li jkun hemm Bar u ħadet kunsiderazzjoni ta'esperjenzi min snin preċedenti għalhekk ma ġiex approvat.

2.5.13 Is-Sindku Charles Selvaggi għamel referenza għal-attivitajiet li kienu jsiru fis-sajf li din is-sena mhux possibbli minħabba li ma' ġewx imnedija fondi mir-Regjun kif msemmi qabel. Għalhekk tkellem mas-Scouts dwar il-possibilità li jagħmlu xi esibizzjonijiet fil-pjazza b'hekk sservi ukoll ta'promozzjoni għalihom.

2.5.14 Saret diskussjoni nformattiva dwar l-attivitajiet li se jkun hemm waqt il-Ġimgħa tal-festa ta'San Guzepp l-Imsida fosthom l-għeluq ta'toroq mħabbra fil-gazzetta tal-Gvern , Il-programm ta'attivitajiet mill Għaqda Melita banda San Guzepp, Ilma għal bandisti waqt il-marċ tal Ġimgħa filgħaxija u l-Ħadd filgħodu, tindif mill kennies waqt il-festa skond il-kuntratt, Bins fix-xatt,

**02.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat ;**

Ma kienx hemm rapporti

**02.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

02.7.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K9-02 ta' ħlasijiet bejn id-29 ta' Mejju u 28 ta' Mejju u 9 ta'Lulju 2024.

Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l- iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Alfred Farrugia u sekondat mis-sinjura Margaret Baldacchino Cefai.

**02.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

02.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 07:05 ta' filgħaxija, u s-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 6 ta' Awissu fil-5:00 ta' filgħaxija

Minuti konfermati, illum 6 ta' Awissu 2024

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**